MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 40

(IT-TIENI PARTI)

27 ta' Lulju 2022

Minuti tat-Tieni Parti tas-seduta Nru. 40 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa 27 ta' Lulju 2022 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti minbarra s-Sindku D. Vella, u l-Kunsillieri K. Buttigieg, u R. Bartolo Cutajar li kienu qed isegwu b'mod virtwali.

Il-Kunsillieri A. Brincat Stellini u M. Abela talbu li jiġu skużati minħabba li kienu ndisposti, skont nota li huma bgħatu qabel is-seduta.

Il-Kunsill aċċetta r-raġunijiet mogħtija fl-imsemmija noti.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament permezz tal-internet u rrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku

## 1.1.1. L-Istqarrijiet Finanzjarji wara l-verifika u l-Ittra ta' Direzzjoni għas-Sena Finanzjarja 2021 (F/1/2/Vol X)

1.1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono fakkar li din il-kontinwazzjoni qed issir peress li fl-ewwel parti tas-seduta s-suġġett t'hawn fuq ma setax jiġi trattat, billi l-udituri kienu għadhom m'għaddewx l-istqarrijiet verifikati minn naħa tagħhom, minkejja li kienet inqabżet id-data stipulata mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Vertifika. Huwa aċċenna wkoll li d-diskussjoni fuq l-Ittra ta' Direzzjoni *(Management Letter)* ser ikollha tiġi posposta sakemm jingħata żmien biżżejjed biex jitħejja abbozz ta' tweġiba għal kull punt li tqajjem fiha.

1.1.3. L-*Accountant* tal-Kunsill – is-Sur Daniel Galea – kien qed jassisti b'mod virtwali. Huwa spjega li wara l-verifika, irriżulta li d-dħul tal-Kunsill fl-2021 kien jammonta għall-€1,425,428 kontra nefqa ta'€1,287,602 u hekk baqa' *surplus* ta' €138,359 għall-istess sena, li żdied mar-riżervi.

1.1.4. Ġie spjegat li d-dħul ewlieni ġie mill-Gvern Ċentrali u ammonta għal €1,343,438, filwaqt li kien hemm dħul ieħor ta' €14,239 mill-ħruġ ta'permessi permezz ta' bye-laws, filwaqt li d-drittijiet amministrativi dovuti lill-Kunsill għat-tħaddim tal-LES kienu telgħu għal €7,5981.

1.1.5. L-ispejjeż marbuta mal-Amministrazzjoni kienu jammontaw għal €466,171 li rriżulta illi huma inqas b'10% fuq tal-2020. Minkejja dan, is-Sur Galea spjega li s-*surplus* ma jistax jiġi attribwit għal xi fattur partikulari għaliex kien hemm diversi tibdiliet marġinali li kontribwew għal dan.

1.1.6. Kien spjegat wkoll li sa Diċembru 2021 il-Kunsill kellu valur nett ta' assi permanenti *(fixed assets)* li ammontaw għal €2,074,347. F'dak li huma assi kurrenti kien hemm €1,937,584 li kienu jikkonsistu minn stokks ta' kotba (€17,789), ammonti li kellu jdaħħal il-Kunsill (€136,532), u depożiti fil-bank (€1,937,584). L-obbligazzjonijiet kurrenti kienu jammontaw għal €804,731 u b'hekk jirriżulta bilanċ bejn l-ekwità u l-obbligazzjonijiet ta' €4,011,931 – titjib ta' 13% fuq l-2020.

1.1.7. Mistoqsi x'kienu l-aġġustamenti li talbu l-udituri fuq l-istqarrijiet finanzjarji approvati fis-Seduta 36 tat-22 ta' Frar 2022, is-Sur Galea qal li dawn kienu jinvolvu €22,549 f'fondi Ewropej mhux minfuqa marbuta mal-proġett *LGBTIQ Rights at the Heart of the EU,* li kellu jitwaqqaf minħabba l-pandemija. Kien hemm ukoll ammont €4,000 marbuta mal-iskema LC Care li ma ntefqux billi ma nħariġx il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar dwar il-proġett tal-*cat cafe'* fi Triq Ġuże' Flores

1.1.8. Is-Sur D. Galea kkummenta li meta wieħed jara dawn il-fatturi kollha, jirriżulta li l-Indikatur tas-Sitwazzjoni Finanzjarja (FSI) huwa ta' 80%, meta l-liġi tobbliġa li dan m'għandux ikun taħt l-10%.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta ntemmet fis-6.30 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 23 ta' Awwissu 2022 fis-6.00 pm.

| | |
|---|---|
| Dario Vella | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |